## FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha ta' 29 ta' Novembru, 2017**

**Rikors Nru: 165/2014 MLF**

**Mifsud Philippa**

**Vs**

**Sammut Kevin**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-attrici fejn talbet li l-konvenut jigi ddikjarat responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar id-19 ta' Novembru, 2012, ghall-habta tas-7 ta' fil-ghodu fi Triq l-Imdina, Haz-Zebbug, minhabba li saq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ALN 601, bi traskuragni, b'imperizja, non kuranza u b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, b'konsegwenza ta' liema incident l-attrici soffriet griehi u kumplikazzjonijiet ta' natura permanenti, u ghalhekk talbet lil din il-Qorti tillikwida, bl-opera occorrendo permezz ta' periti nominandi u li ma jeccedix il-kompetenza taghha, d-danni sofferti minnha (*damnum emergens u lucrum cessans*) b'konsegwenza ta' dan l-incident.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Marzu 2013, kif ukoll ta' l-ittra ufficjali li qed tigi pprezentata kontestwalment mal-prezenti ai termini tal-provvedimenti tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut.

Rat ir-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati *stante* li ghall-incident awtomobilistiku mertu ta' dan ir-rikors kienet unikament responsabbli r-rikorrenti stess.

2. Illi d-danni sofferti mill-attrici huma kontestati fil-fatt u fid-dritt b'konsegwenza ta' negligenza kontributorja *da parti* tar-rikorrenti stess *stante* li ma haditx il-prekawzjonijiet kollha mehtiega.

Fil-bidu ta' dawn il-proceduri, u senjatament fis-seduta tat-2 ta' Marzu, 2015, gie verbalizzat hekk: *"Dr. Simon Micallef Straface jiddikjara illi l-konvenut qed jammetti li hu unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni."*[1]

Semghet ix-xhieda u rat l-atti u d-dokumenti l-ohra ipprezentati.

Fl-istess seduta tat-2 ta' Marzu, 2015, din il-Qorti hatret lil Mr Massimo Abela sabiex jezamina lill-attrici u jirrelata dwar il-griehi li sofriet u jindika jekk hu l-kaz, il-persentagg ta' dizabilita` riskontrata.

Rat ir-rapport tal-espert mediku Mr. Massimo Abela.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici, u li ghalkemm il-konvenut inghata l-fakolta li jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet responsiva, huwa naqas li jaghmel dan fit-terminu lilu preskritt.

Ikkunsidrat:

---

[1] A fol. 8 tal-process.

**Il-Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza m'humiex kontestati, u huma senjatament is-segwenti:

1. Fid-19 ta' Novembru 2012, l-attrici sfat imtajjra minn vettura misjuqa mill-konvenut. Fil-mori ta' dawn il-proceduri, il-konvenut ammetta li hu kien unikament responsabbli ghal dan l-incident.
2. Fid-data tal-incident l-attrici kellha 64 sena, pero kienet tahdem bhala *cleaner*.
3. Kawza tal-incident, sofriet diversi griehi gravi konsistenti, fi ksur tal-pelvis, u ftit l-isfel mill-irkoppa, u ksur zghir tal-ghaksa tax-xellug.
4. Fir-rapport tieghu, l-espert mediku Mr. Massimo Abela qal hekk li *"ghalkemm il-ksur fieq, hi ghadha tilmenta minn ugiegh f'daharha u fir-rigel tal-lemin, u ghad ghandha problema biex timxi. Fil-fatt hija ghada zzappap u tuza bastun. Xi kultant l-irkoppa tal-lemin toghtor ukoll."*
5. L-espert mediku ikkonkluda li l-attrici soffriet dizabilita` permanenti ta' tminja fil-mija (8%).
6. Konsegwenza tad-dizabilita li soffriet, l-attrici waqfet tahdem.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Ladarba fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-konvenut ammetta li hu unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni, il-vertenza li tibqa' hija dwar il-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attrici.

L-attrici ipprezentat dokumenti, u xehdet dwar id-danni sofferti minnha.

Il-konvenut ma ghamel l-ebda kumment, la fuq ir-rapport tal-espert mediku, lanqas fuq ix-xhieda tal-attrici u d-dokumenti ezebiti minnha. Pero kif inhu risaput, il-kontumacja mhix ammissjoni, u dan in-nuqqas tal-konvenut li jirrabadixxi l-provi prodotti mill-attrici, ma jfissirx li hu qed jammetti mal-likwidazzjoni tad-danni kif hi qed tissottometti li ghandha ssir. Ghaldaqstant, jinkombi fuq din il-Qorti li tevalwa l-provi prodotti mill-attrici, biex tiddetermina jekk ippruvatx sal-grad rikjest fil-kamp civili, d-danni minnha pretizi.

*Id-Damnum Emergens*

Il-Qorti se tikkonsidra l-ewwel id-*damnum emergens* pretiz mill-attrici, li jammonta komplessivament ghas-somma ta' €4,090.78. Dawn jirraprezentaw in kwantu ghall-ammont ta' €547.00 allegatament spejjez inkorsi kawza tal-incident u in kwantu ghal €3,534.78, telf ta' salarju.

Rigward l-ispejjez inkorsi, l-attrici ezebit hamsa u tletin (35) dokument biex tissostanzja l-ispejjez inkorsi. Dawn id-dokumenti ma gewx ikkonfermati bil-gurament, lanqas mill-attrici, ghalkemm min-naha l-ohra, il-konvenut ma kkummenta xejn dwarhom.

L-attrici ezebiet sbatax (17) -il certifikat mediku mahruga ghall-finijiet tal-Att dwar is-Sigurta Socjali, ghal talba ghal beneficcju ghall-mard. Kif tammetti l-attrici stess fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, dawn ic-certifikati m'ghandhomx ammont imnizzel fuqhom, u wisq inqas giet ezebita ricevuta relattiva ghalihom. Fin-nota taghha, l-attrici tghid li dawn ic-certifikati xorta gew imhallsa minnha u qed titlob li ghal fini ta' kalkolu, dawn ghandhom jittiehdu bir-rata ta' €14.00 kull certifikat. Pero, l-attrici ma ressqet l-ebda prova ta' din l-allegazzjoni taghha – lanqas biss ghamlet l-icken accenn ghal dan l-allegat fatt fix-xhieda taghha. Ghaldaqstant, it-talba taghha ghall-ispejjez allegatament inkorsi minnha ghal hrug ta' dawn ic-certifikati ma gietx debitam  ent ippruvata, u ma tistax tigi akkolta.

Imbaghad l-attrici talbet ir-rimbors ta' €69.00 ghal folding bed, pero ma tat l-ebda forma ta' spjegazzjoni ghalfejn kellha bzonn din il-folding bed. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, ladarba l-attrici soffriet mill-ksur fuq elenkat, hi kellha bzonn se mai ta' sodda ortopedika u mhux folding bed.

L-attrici qed titlob ir-rimbors ta' tlett ricevuti mahruga mit-tabib personali taghha ghal *"medical consultation"* minghajr ebda spjegazzjoni ulterjuri, li jgibu d-dati 5 ta' Novembru 2012, 10 t'Ottubru 2012 u 15 ta' Dicembru 2012 rispettivament. Huwa ovvju li l-ewwel zewg ricevuti ma jistax ikollhom x'jaqsmu mal-feriti li l-attrici garrbet, stante li dawn l-ircevuti inhargu qabel sehh l-incident mertu ta dawn il-proceduri. It-tielet certifikat bl-ebda mod ma jispecifika li l-attrici marret ghal konsultazzjoni minhabba l-feriti li garrbet fl-incident, u ghalhekk ma jistghax jitqies bhala l-ahjar prova, anke tenut ukoll tal-fatt li fir-rapport tieghu l-espert Mr. Massimo Vella jghid li l-attrici qaltlu li kienet ghadha tmur ghall-visti ghand Mr. Ivan Esposito, il-konsulent ortopediku li kienet taht il-kura tieghu meta ddahhlet l-Isptar. Ghalhekk, anke t-talba ghar-rimbors ta' dan it-tielet certifikat qed tigi michuda.

Ir-raba' certifikat hu rilaxxat – sa fejn setghet taghraf din il-Qorti, ghax it-timbru tat-tabib huwa car hafna fil-fotokopja – Mr Ivan Esposito fis-6 ta Awwissu 2014 – cioe fil-mori ta' dawn il-proceduri u jghid semplicement *"medical report"*. F'dawn l-atti ma gie esebit l-ebda rapport mediku minn tabib *ex parte*, u l-attrici ma accennat ghalih bl-ebda mod fix-xhieda taghha, u wisq inqas spjegat ghalfejn kellha bzonn dan ir-rapport. Konsegwentement, anke t-talba fir-rigward ta' din l-ircevuta qieghda tigi michuda.

Ghalkemm ma ghamlitx accenn ghalihom fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, l-attrici esebiet ukoll numru ta' fotokopji ta' ricevuti rilaxxati minn diversi spizeriji ghal diversi medicini – uhud minnhom lanqas huma identifikati, pero ghal darb'ohra naqset li tispjega ghalfejn kellha bzonn dawn il-medicini, u jekk kienux gew effettivament preskritti mit-tabib jew konsulent ortopediku taghha minhabba l-feriti li garrbet fl-incident *de quo*.

La darba l-attrici ma ppruvatx sal-grad rikjest fil-kamp civili, l-ispejjez li hi tallega li ghamlet minhabba l-feriti li sofriet, it-talba taghha ghar-rimbors taghhom ma tistghax tigi milqugha.

L-attrici qed titlob ukoll bhala *damnum emergens* it-telf tal-paga jew qliegh iehor annwali. L-attrici xehdet li wara l-incident ma setghetx tahdem aktar ta' *cleaner*, ghax ma kinietx tiflah ghat-tqandil li dan jinvolvi u saqajha kienu joghtru.

L-incident sehh fid-19 ta' Novembru 2012, u mill-atti jirrizulta li c-certifikati ghal talbiet ghal beneficcji socjali ghall-mard baqghu johorgu sas-6 ta' Gunju 2013. L-attrici qed titlob it-telf ta' paga tul dan iz-zmien ta' sitt (6) xhur u hmistax (15) – il jum.

Mill-FS3 ghas-sena 2012 ezebit mill-attrici[2] jirrizulta li dan ikopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2012 sat-30 ta' Novembru 2012. Ghaldaqstant, jirrizulta li l-impjieg tal-attrici gie terminat fit-30 ta' Novembru 2012. Fil-fatt fic-certifikati ghal talbiet ghal beneficcju socjali, isem il-principal tal-attrici hu mnizzel biss fl-ewwel wiehed, fl-ohrajn thalla vojt, u f'dan l-ewwel certifikat, id-data tal-ezami mit-tabib saret fit-3 ta' Dicembru 2012. Ghalhekk jidher car li wara li ntemm l-impjieg taghha, l-attrici bdiet titlob il-beneficcju socjali tal-mard.

Ladarba l-attrici kienet impjegata, hi kienet intitolata ghas-sick leave skond il-ligi, u ma ngabet l-ebda prova fis-sens li, ghal xi raguni, hi setghetx tiehu s-sick leave b'salarju shih ghal perjodu bejn id-19 ta' Novembru 2012 (id-data tal-incident) u t-30 ta' Novembru 2012 (id-data tat-terminazzjoni tal-impjieg). Konsegwentement, anke it-talba ghal telf ta' salarju ma gietx debitament ippruvata.

Fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti ma tista' tillikwida l-ebda kumpens ghad-*damnum emergens.*

*Il-Lucrum Cessans*

Fid-data tal-incident, l-attrici kellha 64 sena, izda ghalkemm pensjonanta kienet ghadha tahdem. Din il-Qorti taqbel ma dak li rriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[3] fil-kawza fl-ismijiet

[2] A fol. 24 tal-process.
[3] *Per* Imhallef David Scicluna.

**Amabile Azzopardi vs Anthony Xuereb**, deciza 14 ta' Jannar 2004: *"Dwar il-lucrum cessans, jirrizulta li l-attur kellu 62 sena meta gara l-incident. Bniedem li hu pensjonant xorta ghandu s-setgha li jahdem, u din is-setgha ghandha wkoll valur ekonomiku."*

Il-Qorti se tibbaza l-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans* fuq il-prinċipji stabbiliti mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Butler vs Heard** deciza fit-22 ta' Dicembru 1967, li baqghu jigu segwiti mill-Qrati taghna sal-lum.

Mill-provi jirrizulta li circa l-ahhar sena u nofs qabel l-incident, l-attrici kienet tahdem bhala cleaner ma' Clentec Limited. Ghalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, l-attrici tissottometti li d-dhul ghandu jigi kkalkulat fuq il-paga netta annwali taghha, li kienet ta' circa €6,576, din il-Qorti ma taqbilx, ghax kif gie ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[4] fil-kawza fl-ismijiet **Josef Farrugia vs Thomas Tanti** deciza fis-7 ta' Lulju 2004, id-dhul ghandu jigi ikkalkulat fuq id-dhul gross, minghajr tnaqqis ta' *income tax* jew kontribuzzjonijiet tas-sigurta socjali.

Mill-FS3 ezebiti mill-attrici ghas-snin 2011 u 2012, jirrizulta li d-dhul gross taghha mill-impjieg mas-socjeta Clentec Limited kien ta' circa €7928, li l-Qorti sejra tarrottondihom ghal €8000, tenut kont li l-*minimum wage* is-soltu tghola kull sena. Ma ngabu l-ebda provi dwar il-prospetti futuri tal-attrici, u dwar il-livell ta' edukazzjoni taghha. Inoltre, tenut kont tal-eta taghha meta sehh l-incident, l-attrici ma kienx se jkollha hajja lavorattiva fit-tul u inoltre ma jidhirx li l-attrici hija persuna li kienet se taqla' izjed minn hekk.

Rigward il-persentagg ta' disabilita sofferta mill-attrici, din il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida ghalfejn ghandha tiddepartixxi mill-konkluzjoni tal-espert Mr. Massimo Abela, u ghalhekk din il-Qorti se tiehu bhala persentagg ta' disabilita dak ta' 8%.

Pero, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, il-*multiplier* ghandu jkun dak ta' sitt (6) snin u mhux ta' tminn (8) snin, kif issottomettiet l-attrici, u dan tenut kont l-eta' taghha, u cioe' erbgha u sittin (64) sena, meta sehh l-incident in dizamina. L-attrici kienet tahdem bhala *cleaner* mas-socjeta Clentec

---

[4] *Per* Imhallef Tonio Mallia.

Limited meta sehh dan l-incident, u dan ix-xoghol jinvolvi ammont ta' strapazz u tqandil, li mhux probabbli li persuna normali li tkun ghalqet l-eta ta' sebghin (70) sena tkun tiflah ghalih.

Ghalhekk il-kumpens dovut lill-attrici ghandu jinhadem hekk: €8,000 x 6 x 8% = €3,840

Peress din il-kawza giet intavolata fl-2014, u s-sentenza qed tinghata tlett snin (3) wara, il-Qorti tqis li jkun ekwu li jkun hemm tnaqqis ta' 18%, minflok is-soltu 20%, minhabba l-*lump sum payment*.[5] Ghalhekk l-kumpens dovut lill-attrici jinzel ghal €3148.80.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut;
2. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar id-19 ta' Novembru 2012 ghal habta tas-7.00am fi Triq l-Imdina, Haz-Zebbug, b'konsegwenza ta' liema incident l-attrici sofriet diversi griehi ta' natura permanenti;
3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici is-somma ta' tlett elef mija u tmienja u erbghin Euro u tmenin centezmu (€3184.80), bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.
4. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Marzu 2013 kif ukoll tal-ittra ufficjaliipprezentata kontestwalment mar-rikors promotur ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu subiti mill-konvenut.

**Robert Bugeja**

**Magistrat** **Deputat Registratur**

[5] Ara **Annunziata sive Nancy Caruana vs Odette Camilleri** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2004.